**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 28

**Il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Joseph Baldacchino Kunsillier

**ASSENTI**

Is-Sur Carlo Stivala Kunsillier

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

## 28.01 Il-kariga tal-maniġer tal-kuntratti, fi ħdan il-Kunsill

Il-Perit Carmel Cacopardo, il-maniġer tal-kuntratti, fi ħdan il-Kunsill, ġie mistieden sabiex, jattendi għal din il-parti, wara li fis-seduta ta' qabel tqajmu xi dubji dwar il-pożizzjoni tiegħu. Għaldaqstant, għal din il-parti, is-seduta kellha tiġi sospenduta għal xi ħin, sakemm saret din it-taqsima.

**Is-seduta tkompliet fis-sebgħa nieqes għoxrin ta' filgħaxija.**

Is-Sur Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 28.02 Qari tal-ittri t' apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier (JB) minħabba raġunijiet ta' saħħa, filwaqt li kkonfermat illi ma rċevitx l-ebda ittra t' apoloġija mingħand il-kunsillier (CS), għan-nuqqas tal-presenza tiegħu. Filwaqt li l-membri approvaw l-ittra min-naħa tal-kunsillier (JB), il-membri preżenti talbu lis-(SE) tiċċekja mad-dipartiment, fuq in-nuqqas tal-presenza tal-kunsillier (CS).

## 28.03 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 27)

28.03.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-Minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (27). Għaldaqstant, inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ) fejn talab, sabiex isiru emendi f' dawn il-paragrafi: (27.08.06) – Fl-aħħar ta' dan il-paragrafu tiżdied sentenza oħra li tgħid: *Kien hemm qbiel unanimu li flok jinbena kif qiegħed jiġi ssuġġerit, jingħata permess lill-Għaqda, sabiex il-meters isiru fil-latrina, filwaqt li kemm il-meters, kif ukoll il-kontijiet relatati, ikunu jgħajtu lill-Għaqda.* (27.08.09) – Fl-aħħar ta' dan il-paragrafu tiżdied sentenza li tgħid: *Il-parkeġġ ta' Triq San Patrizju, kien approvat.*

28.03.02 Il-viċi talab, sabiex fl-ewwel vers, f' paġna 4, jiżdiedu l-kelmiet ' ġie ssuġġerit *mill-viċi*, lis-(SE), kif ukoll f' paragrafu 27.08.28, jitneħħa isem il-ħanut u minflok jinkiteb *it-Triq tal-Papa.*

28.03.03 Inġibdet l-attenzjoni mis-(SE) illi kien hemm żball fil-kontinwazzjoni tan-numri, fejn in-numru 27.08.08, ġie maqbuż. Għaldaqstant, il-paragrafi ġew irranġati skont is-segwenza.

28.03.04 Il-kunsillier (DP) indikat illi waqt is-seduta hija tkellmet ukoll fuq l-isleeping police, kif ukoll fuq it-tabelli marbutin mal-qtates. Fuq dan l-aspett inħoloq paragrafu 27.08.25, li jgħid: *(DP) reġgħet fakkret fuq l-importanza tal-isleeping policeman, li kienet ġiet proposta u approvata mill-kunsill fis-seduti preċidenti, fir-rigward Triq il-Qajjenza. Dan minħabba li qiegħed isir ħafna qtiel ta' qtates, ikkaġunat minn veloċità qawwija fis-sewqan aċċessiv.*

Madankollu, il-Minuti (27) ġew approvati. Il-proponent kien il-viċi Sindku, is-sekondat mill-kunsillier (DP).

## 28.04 Skeda ta' pagamenti u petty cash

28.04.01 (SE) ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti numru 11/20, li tkopri xiri bejn l-24 t' Ottubru, u l-24 ta' Novembru, 2020. Kemm l-iskeda, kif ukoll il-petty cash (numru 10/2020), ġew approvati. Il-proponent kienet il-kunsillier (MM), is-sekondata mill-kunsillier (JBD).

## 28.05 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

28.05.01 Waqt din is-seduta ġew ippreżentati dawn il-kwotazzjonijiet, li l-maġġoranza tagħhom huma relatati mas-sala tal-Kunsill:

- Xiri ta' microwave – intgħażel l-orħos wieħed, dak ta' €75.00, mingħand Paulson
- White board bi stand – intgħażel l-orħos wieħed, dak ta' €194.70, mingħand Smart Office Supplies
- Żbir ta' siġar fi Triq l-Għannejja u San Luċjan – intgħażlet l-orħos ta' Chris Bonello, għal prezz ta' €448.40
- Xiri ta' xtieli tal-ispeċi tal-Oleander – intgħażlet l-orħos, dik ta' €19.50, kull xitla, mingħand Derek Garden Centre
- Xiri ta' fire extinguisher u emergency lights – intgħażlet it-tieni mill-orħos, għal raġuni li dan il-fornatur, diġà qiegħed jagħmel il-manutenzjoni fuq il-fire extinguishers preżenti, ġewwa l-uffiċċju. Il-fornatur huwa Alberta.

## 28.06 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

28.06.01 Is-Sur Sindku fetaħ din il-parti, billi għal darba oħra rringrazzja lil Onorevoli Julia Farrugia Portelli, l-Onorevoli Owen Bonnici u l-Onorevoli Michael Farrugia. Lill-Onorevoli Julia Farrugia Portelli, talli reġgħet fetħet l-iskema tad-double glazing, għan-nies ta' Birżebbuġa, flimkien mal-Ministru Michael Farrugia. Lill-Onorevoli Owen Bonnici, talli offra li ser ikun qiegħed jagħmel u jissupplixxi l-parti tal-bandi, għat-tfal li jbatu bl-awtiżmu, li ser tiġi amalgamata mal-proġett fil-Ġnien il-Kunsill, ġewwa ż-żona magħrufa bħala Tal-Papa. Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ) li l-isem propju ta' dan il-Ġnien huwa Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa, u skont il-lapida tal-post, dan il-Ġnien ġie nawgurat fl-2004.

28.06.02 Is-Sindku talab għal pjanti ta' dan il-Ġnien. Madankollu (SZ) qal li l-pjanti li hemm huma relatati mas-siġar u għamara, filwaqt li l-proġett li jaqa' taħt l-iskeda tal-GALXLOKK, ma jindikax tibdil strutturali.

28.06.03 Is-Sindku staqsa jekk il-vertical garden huwiex ser isir. (SZ) wieġeb li iva ser isir.

28.06.04 Is-Sindku rrefera wkoll għal diskussjoni li kellu mal-Onorevoli Michael Farrugia, fejn aġġorna lil Kunsill li sa nofs is-sena d-dieħla, l-impjant ser ikun qiegħed jagħlaq il-bibien tiegħu.

28.06.05 Is-Sindku aġġorna lill-kunsilliera li beda x-xogħol fi Sqaq il-Qoton. Huwa ssuġġerixxa li nagħmlu żewġ filati konkos u ma jaqtawx il-konkos, iżda jibqgħu telgħin sar-razzett.

28.06.06 Is-Sindku indika wkoll li kemm f' Dawret il-Qalb Imqaddsa, kif ukoll St. Michael, irridu nirranġaw il-kurduna. (SE) ser tkun qiegħda titkellem mal-foreman fuq din ir-rikjesta.

28.06.07 Is-Sindku tkellem ukoll kif l-Għaqda tas-Sajjieda Dilettanti qegħdin jitkellmu fuq iċ-ċatra li hemm taħt il-klabb tal-boċċi. Il-kunsillier (AC) spjega li meta kien hemm il-kwistjoni bejn l-Għaqda tas-Sajjieda u s-Sailing Club, huwa kien attenda flimkien mal-viċi, għal-laqgħa li kienet saret ġewwa l-uffiċini tal-Awtorità tat-Trasport. Din il-berm kienet ġiet issuġġerita, sabiex ir-ramel ma jibqax ħiereġ 'l barra. L-Għaqda tixtieq li n-naħa ta' barra jsir bil-konkrit, filwaqt li TM qablet li tista' ssir min-naħa ta' ġewwa. TM daħlet applikazzjoni sabiex isir id-dredging. Għaldaqstant, (AC) issuġġerixxa li dal punt għandu jiġi diskuss ukoll mal-entitajiet l-oħra, bħall-Klabb tar-Regatta. Il-kunsillier (SZ) qal li diġà bagħat emajl u kkopja lill-klabbs l-oħrajn, sabiex kulħadd ikun aġġornat. (SZ) qal li jekk isir il-konkrit min-naħa ta' barra, igawdi kulħadd. (AC) stqarr li lest li jiltaqa' mal-għaqdiet konċernati. Għaldaqstant, il-viċi ssuġġerixxa u l-membri kollha qablu, biex isir laqgħa li tkun ukoll miftuħa għall-pubbliku. Din il-laqgħa ġiet proposta għall-ġimgħa d-dieħla, fejn ir-residenti, kif ukoll l-Għaqdiet, ser jiġu mistiedna biex jattendu.

28.06.08 Ġiet approvata wkoll it-talba li saret min-naħa tal-Għaqda tas-Sajjieda, sabiex jitqiegħed tank proviżorju fil-parkeġġ ta' San Ġorġ, sakemm ikunu qegħdin jagħmlu xi xogħlijiet marbuta ma' inċidenti ta' nirien li jistgħu jseħħu f' dan il-parkeġġ.

28.06.09 Is-Sindku tkellem ukoll fuq rikjesta li rċieva l-uffiċċju fir-rigward li, ħdejn il-batterija 'l ġewwa, ħdejn it-tank tal-gas, kien hemm l-islipway għall-għum taż-żwiemel. (SZ) stqarr li semgħa li l-lokalità ta' Marsaxlokk, xejn mhuma kuntenti b' dan ir-rigward. Il-viċi ssuġġerixxa li għadna noħolqu set ta' regolamenti, (SZ) wieġbu li dawn diġà jeżistu fil-liġi. Il-kunsillier (AC) ssuġġerixxa li nagħmlu prova ta' xahrejn u jitwaħħlu tabelli li jgħidu dan. Għaldaqstant, sar qbiel li l-kunsillier (SZ) ser ikun qiegħed jgħaddi l-art work ta' dawn it-tabelli lill-uffiċċju, għall-ipproċessar.

**Peress li saru d-disgħa ta' filgħaxija, intalbet estenzjoni ta' 30 minuta. Il-proponent kienet il-kunsillier (MM), is-sekondata mill-kunsillier (JBD).**

## 28.07 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

27.07.01 (SE) resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-performance appraisal tal-iskrivani, kif ukoll tal-foreman. Għal dan l-aspett, (SE) ġiet mitluba sabiex toħroġ mill-kamra, filwaqt li jintefa r-rekordjar tal-live-streaming. Wara lis-(SE) intalbet sabiex terġa' tidħol, il-kunsill iddeċieda li jingħata 6% lill-iskrivani u s-somma ta' €450.00 lil foreman.

## 28.08 Mistoqsijiet imressqa mill-Kunsilliera

27.08.01 Il-kunsillier (JBD) spjegat kif peress li din is-sena mhumiex ser isiru attivitajiet, talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex, nixtru s-servizz ta' figura li tirrappreżenta lil Santa Klaws u dan joqgħod idur madwar it-toroq tal-lokalità, permezz ta' karru mżejjen. Din l-attività tiswa €250.00. Il-Kunsill approvaha.

28.08.02 (JBD) tkellmet li hemm bżonn li jsir xi ħaġa fi Triq is-Sajjied, minħabba l-istat ta' din it-triq. (AC) qal li din it-triq għandha bżonn ta' patching li jiġi jiswa madwar €30,000.00, però mhux għaqli li jintnefqu dawn il-flus, meta t-triq mhix soda u terġa' tinżel.

28.08.03 (JBD) talbet jekk hux possibbli li jsir tiżjien tal-Milied, fil-Qajjenza. Il-viċi ssuġġerixxa li mqar nagħmlu xi siġra mal-fanali, iżda (SZ) qal li din is-sena m' hemmx ċans.

28.08.04 (JBD) reġgħet tkellmet fuq l-isleeping policeman, fil-Qajjenza. (AC) stqarr li wara li tkellem ma' TM, min-naħa tagħhom qalulu li, ikun għaqli jekk l-ewwel nagħmlu t-traffic management kollu, sabiex jitla' bord, imbagħad jaraw xi jkun hemm bżonn li jsir.

28.08.05 (JBD) tkellmet li issa ż-żewġ Ministri nbidilhom l-irwol tagħhom, tajjeb li nikkonfermaw jekk il-proġetti mwiegħda, humiex ser ikomplu bil-proċess.

28.08.06 (JBD) ipproponiet illi parti mill-proġetti prospettivi għas-sena d-dieħla, il-Kunsill jixtri tip ta' vettura, filwaqt li jingaġġa xufier, sabiex ikun jista' jaqdi lill-anzjani. Madankollu, il-kunsilliera wrew il-fehma li għanda ssir talba lil Ministru Michael Falzon, sabiex joffri dan is-servizz lill-anzjani fil-lokalità ta' Birżebbuġa.

28.08.07 Il-viċi Sindku tkellem fuq l-istat li jinsabu fil-preżent il-latrini. (SE) wieġbet li kellha kuntatt mal-kuntrattur preżenti, li f'dal jumejn ser jinxtraw settijiet ta' flushings ġodda u ser ikunu qegħdin jinbidlu mill-kuntrattur stess.

28.08.08 Il-viċi staqsa lil (AC) fuq l-aġġornament tas-CCTV tax-xatt. (SZ) wieġeb li għadna qegħdin naħdmu fuqhom.

28.08.09 Il-viċi stqarr li ltaqa' ma' uffiċjal tal-LESA, fejn ġibidtlu l-attenzjoni li t-tabelli tal-caravans ġewwa Wied il-Buni, mhumiex qegħdin jidhru fejn qegħdin. (SZ) wieġeb li dawn it-tabelli kienu moħbijin u l-Kunsill ħa ħsieb li jirranġahom fl-entratura, però ser ikun qiegħed jiċċekkja.

28.08.10 Il-viċi tkellem fir-rigward il-kabinett tal-plastik li l-Kunsill kien xtara dan l-aħħar għall-iskate park. Dan ġie vandalizzat, kisruh u serqulu kollox li kien fih. Għaldaqstant, sar qbiel li ssir bieba tal-ħadid minflok, għal aktar sigurtà.

28.08.11 Il-viċi tkellem fuq ħajt fi Triq tal-Papa, eżatt kif taqbeż Triq is-Sejjieħ. Hemm parti perikoluża u ssuġġerixxa li ssir tabella tan-No Parking. (SE) ser tkun qiegħda tressaq din ir-rikjesta lil foreman.

28.08.12 Il-viċi fiehem proposta għal bins fil-kantuniera tal-Ġnien, sabiex tinħoloq sistema ta' recycle facility. Huwa fiehem li l-ibins jitneħħew u din is-sistema ssir taħt l-art, filwaqt li l-Kunsill ikun qiegħed jakkwista erba' parkeġġi għal Triq il-Port Ħieles, kantuniera ma' Triq il-Kartaġiniżi.

28.08.13 Il-kunsillier (AC) talab lis-(SE) sabiex, terġa' tibgħat tifkira lil IM fir-rigward ta' Sqaq Kanon, fuq il-biċċa tal-asphalt.

28.08.14 (AC) tkellem fuq l-isleeping policeman ma' Triq il-Ġebel. TM jridu li l-ewwel inġibu l-permess mingħand ir-residenti ta' fejn qiegħed jiġi propost li titwaħħal, imbagħad TM tipproċedi. Madankollu, (AC) fakkar li kien sar ftehim li ma nagħmlux sleeping policeman, iżda titneħħa l-ħarruba u t-triq tiġi direzzjoni waħda. Fuq dan l-aspett, inġibdet l-attenzjoni mis-(SE) li l-ħarruba taf tkun siġra protetta bil-liġi.

28.08.15 (AC) staqsa lil (SZ) fl-istadju ta' fejn wasal il-kuntratt tal-istreet lightning. (SZ) wieġeb li wasal fl-istadju finali.

28.08.16 (AC) aġġorna lil Kunsill fuq l-automatic barrier tax-xatt. Din il-barrier issa twaħħlet, qegħdin nistennew sabiex, isir il-conduit tad-dawl. Restoranti miż-żona talbu li ssir intercom u jħallsu għaliha huma. Il-Kunsill qabel fuq dan l-aspett.

28.08.17 (AC) reġa' sema' l-problema tad-Dimbros. F' dan l-istadju qegħdin nistennew ir-riżultati tal-core testing u l-istima bil-prezzijiet ta' dak iż-żmien, mingħand il-perita.

28.08.18 (AC) tkellem dwar l-installazzjoni tal-kamera mal-ibins, provduta lilna mill-GreenPak. Wara r-riżultati pożittivi fl-ibins fi Triq il-Merżuq, issa jmiss li ssir kamera mal-ibins fi Triq il-Port Ħieles.

28.08.19 (AC) tkellem ukoll dwar l-arranġament li qiegħed jipprova jagħmel dwar is-servizz tal-karozza tal-linja bin-numru (82) u li issa qegħdin jipprovaw ukoll in-numru (85). (JBD) qaltlu li importanti li din tibda tagħdi kull nofs siegħa, mill-Qajjenza.

28.08.20 Il-kunsillier (MM) staqsiet li xi residenti talbu sabiex, issir mirja. (SZ) wieġeb li din konna d-diskutejnieha darba oħra. Dawn għandhom jiktbu lil Kunsill, iżda jekk jirriżulta li tkun personali, huma jiġu mħeġġin sabiex, jixtru l-mera u l-ħaddiema tal-Kunsill iwaħħluhielhom.

28.08.21 (MM) tkellmet dwar il-dlam li qiegħed ikun hemm ġewwa Wied il-Buni, speċjalment issa li tneħħa l-fustum. (SZ) issuġġerixxa li nistgħu nibdlu l-globi, għaliex il-proġett fadalu sabiex, jitlesta. (AC) qal li wara dawn inkunu nistgħu nużawhom post ieħor.

28.08.22 (MM) tkellmet ukoll dwar il-ħsara li għandu l-ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Port Ħieles, kantuniera ma' Triq San Ġużepp. Madankollu, l-ewwel net dan il-ħajt irrid jiġi magħruf jekk huwiex propjetà privata jew le. It-tieni, dan ikun irrid isir minn nies speċjalizzati u mhux kulħadd jista' jirranġah.

**Il-kunsill talab għal disclaimer ta' 15- il minuta oħra**

28.08.23 Il-Kunsillier (DP) reġgħet staqsiet fir-rigward it-tabelli tal-Ġnien li kienu ġew ordnati u twaħħlu f' post ieħor. (SE) wieġbet li dawn għadhom fil-proċess mal-ordni li hi ordnata.

28.08.24 (DP) staqsiet lil (SZ) meta ser jibda jiltaqa' l-kumitat il-ġdid fir-rigward tat-tisbieħ ta' Misraħ il-Parroċċa. (SZ) wieġeb li beda jikkuntatja l-membri u suppost għandhom jibdew jiltaqgħu għall-ewwel darba, lejn nofs Jannar 2021. (DP) talbet biex tissieħeb fil-kumitat.

28.08.25 (DP) tkellmet fuq l-animal food dispensers u qallet li ser tkun qiegħda tgħaddi l-informazzjoni meħtieġa lis-(SE) sabiex, tikteb lill-Ministru tal-ħarsien tal-annimali.

28.08.26 (DP) reġgħet staqsiet fuq il-Bajja tal-Klieb. (SE) wieġbet li kienet kitbet lil Animal Welfare, però bqajna bla risposta. (SE) ser terġa' tibgħat tifkira lill-Awtorità.

28.08.27 (DP) aġġornat li l-iskeda ta' LC Care, fl-aħħar ġiet finalizzata. L-aktar li din l-iskeda ser tkun qiegħda temfassizat huma fuq min jittma' l-qtates. (SZ) issuġġerixxa li l-Kunsill jixtri dawn it-traps, filwaqt li l-cat lovers ikunu jistgħu jużawhom. (DP) kompliet tispjega li s-servizz tan-neutering, mhuwiex inkluż. (SE) ikkonfermat illi f'dal jumejn, il-Kunsill ser ikollu kopja tal-kuntratt, iffirmat. Il-viċi stqarr li kulħadd kellu ċ-ċans li japplika, iżda issa wieħed ma jistax jiġi għall-vowċer. (DP) kompliet tgħid li parti minn din l-iskema ser tkun qiegħda tintuża għal cat houses.

28.08.28 (DP) staqsiet lil (SZ) jekk hemmx aġġornament fuq fejn kellu jiġi l-passaġġ fl-iswimming zone, kif tkellimna u ftehmna fis-seduti ta' qabel. (SZ) wieġeb li jkun aħjar jekk terġa' tfakkru lejn Frar 2021, għaliex jekk nibgħatulhom bħalissa, mhuwiex il-waqt u jibqa' ma jsir xejn.

28.08.29 (SZ) staqsa lis-(SE) jekk l-uffiċċju rċeviex risposta mingħand l-Onorevoli Michael Farrugia, fir-rigward id-dovuluzzjoni tal-art tal-Qajjenza, għall-islipway. (SE) stqarret li kienet staqsiet lill-Onorevoli fil-presenza tas-Sur Sindku, u kunsillieri, dwar din it-talba. L-Onorevoli wieġeb li l-Gvern għandu pjanijiet oħra għal din l-imsemmija art u għaldaqstant, ma jistax jagħtiha lil Kunsill ta' Birżebbuġa. (AC) stqarr li hu kien diġà qal li dik hija art privata u l-Gvern irid jixtriha. (SZ) qal li bħala Kunsill għandna noġġezzjonaw għall-islipway, minħabba li ser tkun qed toħloqilna problema bil-parkeġġ tal-karrijiet. Madankollu (AC) kompla jgħid li għandna nħallu kollox kif ippjanat, imbagħad TM tara kif ser issolvi l-problema.

28.08.30 (SZ) tkellem fuq il-kampanja bl-isem Christmas Campaign, li qed tiġi organizzata mill-pulizija fil-komunità. Il-pulizija talbu sabiex, jixtru anti-theft gadgets u jkunu qegħdin iqassmuhom lir-residenti ta' Birżebbuġa, bħala rigal, fi żmien il-Milied. Is-somma tlaħaq l-ammont ta' €1000.00. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din l-inizzjattiva, filwaqt li faħħru x-xogħol li qegħdin jagħmlu l-pulizija fil-komunità.

28.08.31 (SZ) ġibed l-attenzjoni li l-bankijiet li hemm fil-Qajjenza u l-iskatepark, hemm bżonn li jsirilhom manutenzjoni. (JBD) staqsiet jekk kienx il-Kunsill li għamel il-bankijiet fil-Qajjenza. (AC) qal li iva, kien il-Kunsill. (SE) ser tgħaddi din ir-rikjesta lil foreman.

28.08.32 (SZ) staqsa lis-(SE) jekk l-uffiċċju għandux aġġornament min-naħa tas-CRPD fir-rigward tal-bandla għal tfal b' diżabilità. (SE) wieġbet li baqgħet mingħajr risposta, filwaqt li l-kunsillier (DP) kellha tagħmel kuntatt telefoniku mal-persuna li l-uffiċċju beda jikkorispondi magħha. Madankollu, il-viċi talab lis-(SE) tgħaddilu l-informazzjoni, sabiex ikun jista' jiffolowjaha.

28.08.33 (SZ) tkellem fuq l-iskema tal-Milied, fejn ir-Reġjun ta' Nofsinhar ser ikun qiegħed joffri s-somma ta' €1000.00 lil Kunsill. Huwa ssuġġerixxa li ssir kompetizzjoni għall-isbaħ tiżjin tal-faċċatta tad-djar privati u oħra għall-isbaħ armatura tal-ħwienet. Ir-rigal huwa ta' €250.00 -il wieħed. €250.00 oħra, ser tkun qiegħda taħdem fuqa, il-kunsillier (DP) flimkien mal-Parroċċa. Filwaqt li għadu qiegħed jistenna risposta mingħand il-kunsillier (CS), fuq dan l-aspett.

28.08.34 (SZ) tkellem fuq il-kampanja li qiegħda ssir mill-pulizija fil-komunità, dwar is-sewqan aċċessiv. Hu ppropona li l-Kunsill jissupplixxi lill-pulizija bi speed gun li jiswa' madwar €3,000.00. Inġibdet l-attenzjoni mis-(SE) illi l-Kunsill ma jistax jonfoq flus mill-baġit allokat lilu, lil entitajiet li ma jaqgħux taħt l-istess Ministeru. (AC) issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jressaq din ir-rikjesta lill-Onorevoli Byron Camilleri, Ministru tal-Intern.

## 28.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.09.01 Il-laqgħa aġġornat fl-għaxra nieqes kwart. Il-Kunsill qabel li d-data tas-seduta li jmiss, għanda tiġi mifthema aktar tard, permezz ta' emajl bejn il-kunsilliera. Madankollu sakemm inkitbu dawn il-minuti, id-data ġiet stabilità għat-Tnejn, 14 ta' Diċembru, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

**IFFIRMATA**
__________________________
Joseph Farrugia
Sindku

**IFFIRMATA**
________________________
Rosalie Mintoff
Segretarju Eżekuttiv